MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1436/2002

Kawza fil-lista: 32

**AB**
**vs**
**C B *sive* B D mart AB**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta li huwa zzewweg lill-konvenuta fil-11 ta’ Lulju 1973, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal E, F u G, li llum huma maggjorennni. Jghid li l-hajja konjugali bejn il-partijiet ilha wieqfa ghal izjed minn hmistax-il sena u dana minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu. Jghid li, ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u l-konvivenza saret impossibbli. Huwa ghalhekk, wara li ottjena d-debita awtorizzazzjoni mis-

Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Settembru 2002, istitwixxa l-proceduri odjerni li permezz taghhom talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex tordna:

1. Ghandha tigi dikjarata l-firda personali ta’ bejn il-konjugi B, b’ mod illi ghall-effetti kollha civili u kummercjali l-obbligi ta’ bejniethom li jghixu flimkien jintemm effettivament mid-data tas-sentenza gja’ la darba din tghaddi ‘res judicata’.

2. Iz-zwieg li sehh fil-Parrocca tal-Karmnu gewwa l-Gzira nhar il-hdax ta’ Lulju, tas-sena elf disa’ mija tlieta u sebghin (11.07.1973), tkisser irrimedjabilment minghajr ebda tama ta’ rikonciljazzjoni b’ tort unikament tal-konvenuta C B u dana minhabba vjolazzjoni tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Il-konvenuta C B ghandha titlef il-jeddijiet taghha kif irrizultaw mill-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, subartikolu 1 u 2 u paragrafi (a), (b), (c) u (d) tas-subartikolu 1 tal-istess Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Ghandhom ikunu applikabbli l-Artikoli 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili, kif ukoll l-Artikolu 54 tal-Kapitolu 16 a favur l-attur, mentri l-konvenuta titlef kwalsiasi jedd jew dritt li kellha a bazi tal-istess Artikolu 54, subartikoli 1 sa subartikolu 7, iz-zewg subartikoli nkluzi.

5. Ghandha tigi likwidata l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B b’ mod li din tirrispekkja l-hidma attwali li tkun ikkontribwit kull naha lejn l-akkrexximent tal-komunjoni peress li l-attur B A kif jirrizulta mill-provi li huwa stess ipproduca kif huwa l-persuna responsabbli mhux biss ghal kostruzzjoni tad-dar konjugali imma anke ghal beneficcjenzi kollha li gawdit minnhom il-familja tieghu, u cioe’ l-konvenuta u t-tlett uliedu llum kollha maggorenni.

6. Id-dar konjugali li tinsab f’ numru <indirizz>, ghandha tigi assenjata in toto mill-attur B Asive Joe, u dana ghal ragunijiet legalment u fattwalment fondati kif tfissru fil-mori ta’ din il-kawza.

7. Ghandhom jigu assenjati lill-attur il-mobbli u mobbilja kollha parafernali, jew personali li jappartjenu lilu kemm minn qabel iz-zwieg jew li setgha wirithom jew li nghataw lilu personalment bhala tifkira ta' wahda mid-diversi attivitajiet li professjonalment wettaq l-attur fil-hidma tieghu.

8. A bazi tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenuta ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia D, u li titlef il-jedd li tuza l-kunjom tal-attur B minhabba li l-uzu ta' dan il-kunjom jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-attur odjern.

9. Ghandhom ikunu applikabbli sa fejn applikabbli l-Artikoli 62 (a) u l-Artikolu 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li din il-kawza ghandha tipprocedi xorta wahda anke fl-eventwali kontumacja tal-konvenuta B sive B D C b' dawk il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi; u li l-attur m' ghandu jbati ebda forma ta' spejjez, la gudizzjarji u lanqas extra gudizzjarji konnessi direttament jew indirettament ma' dawn il-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-istess konvenuta B sive B D C li ghandha n-numru tal-karta ta' l-identita' 673547(M) li minn issa tigi ngunta in subizzjoni.

B' riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra ghad-danni spettanti lill-attur B Asive Joe kontra l-konvenuta B sive B D C.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-ewwel talba tal-attur ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijix opposta b' dan pero' illi t-tieni talba ta' l-attur hija kkontestata peress illi kien l-istess attur illi gab tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u dan minhabba f' eccessi, mohqrija, theddid u sevizzi da parti tieghu;

2. It-tielet u l-hames talba huma opposti billi l-konvneuta qatt ma tat lok ghall-applikazzjoni tal-imsemmija artikoli tal-ligi kontra taghha;

3. Illi r-raba' talba attrici hija opposta stante illi l-konvenuta m' ghandhiex mezzi sabiex tmantni lilha nnifisha u dan billi qatt ma kellha l-ebda introjtu minn impjieg u kienet tiddependi minn fuq l-attur ghall-ghixien taghha kif ser jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza;

4. Illi t-talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti m' hijix opposta b' dan pero' illi jigi kkunsidrat illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u l-hidma allegata ta' l-attur m' ghandhiex tittiehed in kunsiderazzjoni f' dan ir-rigward u di piu' huwa l-attur illi ddekada minn porzjon sostanzjali ta' sehemu mill-gid komuni;

5. Illi s-seba' talba attrici hija opposta in kwantu hija l-konvenuta, in vista tac-cirkostanzi kif ser jigu ppruvati tul is-smiegh tal-kawza, li a tenur tal-artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandha d-dritt li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni totali ta' l-attur;

6. Illi t-tmien talba m' hijix kkontestata;

7. Illi d-disa' talba attrici m' hijix opposta b' dan pero' illi jigi ppruvat liema huwa l-oggetti personali u parafernali ta' l-attur u b' riserva fis-sens illi l-konvenuta m' hijix fil-pussess ta' kwalunkwe gid ta' l-attur;

8. Illi l-ghaxar talba attrici ma hijix opposta;

9. Illi t-talba attrici l-ohra huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, u li tinsab a fols.43 sa 44 tal-process [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat, u li tinsab a fols. 103 sa 110 tal-process [Appendici B];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent B, minnu debitament mahluf;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits u d-dokumenti prezetnati mill-partijiet, kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet ezawrjenti tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghar-ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenuta fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 fuq citat;  u qed jitlob ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta wkoll qed titlob is-separazzjoni, izda ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur, fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 ta' l-imsemmi Kap.

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Lulju 1973, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal li llum huma maggjorenni. Sfortunatament mill-bidu taz-zwieg il-hajja matrimonjali ma kienitx wahda felici ghall-partijiet, izda dawna xorta wahda komplew bil-konvivenza matrimonjali minhabba t-tfal.  Eventwalment is-sitwazzjoni hzienet tant li wara xi zmien il-partijiet lanqas baqghu jorqdu flimkien.  Dan sehh circa hmistax-il sena ilu, izda l-partijiet xorta wahda baqghu flimkien, unikament minhabba t-tfal.  Matul il-hajja matrimonjali l-attur kien jahdem max-xandir u kien impenjat hafna, filwaqt li l-konventua kienet tiehu hsieb id-dar u t-trobbija ta' uliedhom.  Eventwalment, meta l-ahhar wild sar maggjorenni, l-attur iddeciedi li jibda l-proceduri odjerni.

[1] Vol.2 fols. 775 *et seq.*

*Verzjoni Attur*

L-attur jghid li "Jiena hrigt minn familja mizera, fejn minhabba l-faqar u l-ghaks li kellna, kont nghid li t-tfal tieghi jridu jghixu ahjar milli ghext jien. U dan kburi li ghamiltu minghajr ma bghatt lill-mara tahdem man-nies.."[2]

Huwa jikkonferma li sallum huwa ghadu jhallas l-ispejjez u l-utilitajiet kollha konnessi mad-dar; u li, sa qabel ma nbdew il-proceduri, lill-konvenuta kien jghatiha LM200 fix-xahar f' idejha ghall-htigijiet taghha; izda sussegwentement waqaf jaghtiha din is-somma mensili wara li "fuq parir legali, ntlabt li nieqaf."

L-attur jilmenta mill-fatt li missier-il konvenuta kellu "jedd fuqha aktar milli ghandu hu." Jghid li "forsi l-aktar haga serja[3] ta' bejni u bejn il-mara tieghi hija n-nuqqas ta' intimita' bejnietna. Il-hajja intima mal-mara tieghi qatt ma kienet xi haga li ragel jixtieq," liema fatt "skoprejtu sewwa wara z-zwieg", imma huwa ried izomm il-kwiet ghal gid tat-tfal. Jghid li "Kieku ridt, kwazi tmienja u ghoxrin sena ilu hadt l-annullament." Huwa ma jelaborax fuq dan, izda jghid li "illum nghid biss li ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena jiena rqadt f' sodda u hi f' ohra fi kmamar differenti." u li "l-uniku skop li ghalih bqajna flimkien kien .. minhabba t-tfal."

F' affidavit ulterjuri[4] jghid: "illi dan iz-zwieg kien wiehed fallut sa mill-bidunett[5], u dan meta kien ghad kelli 30 sena." Jghid li r-relazzjoni ma' martu u ma' uliedu, tant iddegenerat li, ghal dawn l-ahhar snin dawn kienu jikkomunikaw mieghu permezz ta' noti. Fi kliem iehor, kienu jevitaw li jitkellmu; u dan fuq medda ta' snin.

Huwa jichad l-allegazzjoni ta' martu li kien hu li ma hallhijex torqod aktar fil-kamra tas-sodda taghhom, imma jghid li kienet hi li, minn rajha, ghazlet li tmur torqod f'

---

2 Vol.1 aff.118 *et seq.*
3 Sottolinear tal-qorti
4 Vol.1 aff. Fol.395 *et seq.*
5 Sottolinear tal-qorti

kamra zghira ma' bintha, meta fid-dar hemm erbat ikkmamar tas-sodda u tlett ikmamar tal-banju.

Illi, ghalkemm jghid li, minhabba x-xoghol tieghu fix-Xandir huwa jkun fil-kumpanija ta' nisa fil-prezenza ta' shabu, huwa jichad l-allegazzjoni ta' adulterju maghmula minn martu kontra tieghu. Jghid li minhabba l-impenji tax-xoghol tieghu huwa kien kostrett jahdem sieghat twal, anke fil-weekends; u jghid li dan kien jaghmlu ghal gid tal-familja tieghu, inkluza martu.

Huwa jichad pero' li kien jhalli lil martu wahedha u ma kienx jaghti kaz tal-familja tieghu, ghajr li jipprovidilhom il-finanzi sabiex jghixu hajja komda. "Kont naghmel minn kollox biex id-dar matrimonjali tkun wahda akkoljenti u komda ghall-familja" izda "il-problema dejjem kienet li l-lealta' ta' marti kienet lejn il-familja taghha, mhux lejja."[6]

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tikkonferma li, mill-bidu taz-zwieg, ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijet ma kienitx wahda tajba. Tghid li, "anke f' dak iz-zmien [meta kienu ghadhom joqghodu l-Gzira] il-hajja tieghi ta' mizzewga ma kienitx wahda ferhana, billi r-ragel tieghi kien jahdem kuljum inkluz is-Sibt u l-Hadd." Filwaqt li "Jien kont noqghod id-dar niehu hsieb l-uliedna u t-tindif, u rari konna nohorgu bhala familja" hlief f' xi okkazzjoni.[7] Izda, anke meta kien ikollu hin liberu, huwa ma kienx iqattghu maghha u mat-tfal.

Il-konvenuta tilmenta li "sa mill-ewwel snin taz-zwieg taghna, jiena qatt ma kont naghmel parti mill-hajja ta' zewgi. Jekk kien jiehu xi promozzjoni huwa lanqas biss kien jinformani. Qatt ma kien jinvolvini fid-decizjonijiet tieghu, u lanqas biss kont inkun naf kemm jaqla' paga. Jiena lanqas kont inun naf fejn imur u ma' min." u meta kienet issaqsih, ma kienx jaghtiha spjegazzjoni.

---
[6] Ibid.
[7] Vol.1 aff. Fol.349 *et seq.*

Illi rigward l-intimita' ta' bejniethom tghid li, fl-ewwel hdax-il sena taz-zwieg huma kienu jorqdu fl-istess kamra tas-sodda, izda "madankollu, ir-ragel tieghi dejjem kien jigu lura d-dar tard bil-lejl, u dejjem ghajjien, u l-intimita' ta' bejnietna kienet wahda nieqsa". Is-sitwazzjoni baqet l-istess, meta marru joqghodu H' Attard, u eventwalment marret ghall-aghar meta l-attur kecciha mill-kamra tas-sodda taghhom, bil-konsegwenza li hi bdiet torqod fil-kamra tat-tifla. Dan jirrizali ghall-grizma tat-tifel. Minn dak in-nhar il-komunikazzjoni bejniethom "spiccat ghal kollox". Huwa beda ma jkellimhiex, u d-dar kien juzaha biss bhala lukanda.

Tghid li "Ir-ragel tieghi dejjem mexa bi bruda kbira meighi, u qatt ma urieni mhabba jew karezzi. Ghalih kont kwazi daqs li kieku ma nezistix, u l-imgieba tieghu mieghi kienet dejjem wahda sforzata." Izda glied u ghajjat ma kienx ikun hekk.

Tghid li hija dejjem qaghdet ghal dak li ried zewgha, u li hi ddedikat hajjitha "biss sabiex niehu hsieb lil uliedi, ir-ragel tieghi u d-dar."

Il-konvenuta takkuza lill-attur b' infedelta' fiz-zwieg, u ssemmi b' isimha mara li, skond hi, zewgha kellu relazzjoni extra-matrimonjali maghha. Hija tezebixxi ittri anonimi li kienet rceviet bil-posta, u kopja ta' membership cards ghal lukanda partikolari, li kienu gew fil-posta ndirizzati lil zewgha; izda din il-mara ndikata minnha , ma gietx prodotta bhala xhud, u lanqas giet indikata fil-lista tax-xhieda tal-konvenuta, nonostante li l-adulterju gie ndikat fil-kontro talba bhala wiehed mill-ragunijiet ghat-talbiet taghha.

Tghid li l-flus li l-attur kien jaghtiha fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-familja – LM160 meta kienu joqghodu l-Gzira, u LM200 meta kienu marru joqghodu H' Attard – ma kienux iservuha biex tlahhaq ma' l-ispejjez tal-hajja, bir-rizultat li hi kienet tibqa' nieqsa milli tixtri hwejjeg ghaliha. Tghid li zewgha kien jaghtiha dawn il-flus biss, u ghalhekk hi qatt ma setghet iggemma ghaliex kien ftit wisq ghal hames minn nies. Mill-banda l-ohra l-attur kien jixtri l-

ahjar hwejjeg ghalih, u “kien isiefer wahdu daqs tlieta jew erba’ darbiet fis-sena, u qatt ma kien johodna mieghu. L-ahhar safra li ghamel kienet vakanza fl-Awstralja, u lanqas biss kont naf li kien ser isiefer.”

Hija tikkonferma li minn minu bdew il-proceduri, f’ Awissu 2002 l-attur waqaf milli jaghtiha din is-somma, u ghalhekk kellha tirrikorri ghall-intervent ta’ din il-Qorti; u b’ digriet provvizorju moghti fit-18 ta’ Lulju 2003 gie konfermat dan l-ammont ta’ LM200 bhala manteniment mensili provvizorju ghall-konvenuta. Izda, nonostante dan id-digriet, l-attur baqa’ inadempjenti, u fl-udjenza tat-22 ta’ Jannar 2009 tghid li matul il-proceduri odjerni manteniment “qatt ma tani, qatt, qatt” u tispjega li ilhu mis-sena 2002 ma ghaddielha xejn.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali, u mal-konkluzjoni tieghu, fis-sens li z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment, u li ghal dan jahti biss l-attur.

Il-Qorti tosserva ulterjorment, li l-problema principali tal-partijet f’ dan iz-zwieg kien il-fatt, mistqarr mill-istess attur, li martu ma kienitx tissodisfah kif kien jixtieq fir-relazzjonijiet intimi, tant, li jasal biex jghid li tmienja u ghoxrin sena ilu huwa kellu kaz ta’ annullament, ghalkemm ma jispecifikax oltre. Jghid li dan in-nuqqas kien “l-aktar haga serja” bejniethom. Minkejja dan, ma jirrizultax li l-partijiet fittxew assistenza professjonali f’ dan ir-rigward, izda baqghu ghaddejjin bil-konvivenza matrimonjali li matulha kellhom tlett-it tfal.

Problema ohra relatata, u probabbli konsegwenzjali ghal dik precedenti, kienu s-sieghat twal li l-attur kien iqatta’ fuq ix-xoghol, a skapitu tal-izvilupp tar-relazzjoni matrimonjali ma martu. Huwa kien jahdem hafna fuq ix-xoghol, u kien jipprovdi l-finanzi ghall-familja tieghu, izda jidher ukoll li huwa kien warrab lil martu mill-lat emozzjonali, sa tal punt li eventwalment dina kienet kostretta li ma torqodx aktar fil-kamra tas-sodda taghhom.

Il-Qorti, f’ dan ir-rigward, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenuta li l-attur kien biered fil-konfront taghha, sakemm eventwalment qataghha kompletament minn hajtu, tant li, ghalkemm kien jipprovdi l-finanzi ghaliha u ghal uliedhom, huma kienu jikkomunikaw ma’ xulxin b’ noti. Kif jghid l-perit legali fir-relazzjoni tieghu kienu “strangers in their own home.”

Illi dan l-agir ta’ l-attur, u principalment il-bruda li kien jimmanifesta fil-konfront tal-konvenuta, partikolarment fl-ahhar hmistax-il sena circa tal-konvivenza, kien wegga’ hafna lill-konvenuta martu emozzjonalment, anke tenut kont tal-fatt li, filwaqt li hu kien imur ghax-xoghol u johrog wahdu u jirrelata man-nies, dina kienet tibqa’ d-dar, issefter, ghall-attur u ghal uliedhom.

Jigi osservat li, ghalkemm l-attur jemfazizza fuq kemm hadem biex il-familja tieghu tkun tista’ tghix b’ kumdita’ fid-dar matrimonjali, huwa ftit li xejn jaghti mportanza lix-xoghol li kienet taghmel il-konvenuta fl-istess dar u fit-trobbija ta’ uliedhom; u, ghalhekk, jekk l-attur ghandu jinghata l-meritu li hadem kemm felah biex jipprovdi l-finanzi ghall-familja, bl-istess mod, il-konvenuta ghandha tiehu l-mertu tax-xoghol kollu li ghamlet, kemm fid-dar, li huwa xoghol tedijus, kif ukoll fit-trobbija ta’ l-ulied, liema xoghol jirrikjedi hafna pacenzja u mpenn qawwi u kontinwu.

Izda, dan l-attur ma japprezzahx, tant li, meta bdew il-proceduri, u meta allura l-ulied kienu gja maggjorenni, huwa waqqaf, fuq parir legali sfortunat, il-manteniment menisili li kien jaghti lil martu ghall-ghejxien taghha, u baqa’ inadempjenti f’ dan ir-rigward sal-gurnata tallum, b’ mod li ghalhekk hi kellha ddur fuq niesha u fuq it-tfal ghal ghajnuna.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tosserva li l-komportament ta’ l-attur fil-konfront ta’ martu, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, u li jikkonsisti f’ atteggjament manifestat, fuq tul konsiderevoli ta’ zmien, li jwarrab lil martu minn hajtu, kemm emozzjonalment, kif ukoll fizikament, jikkostitwixxi ‘sevizzi’, u ‘mohqrija’ psikolgika

fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 u li ghalhekk, filwaqt li huwa minnu li l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment, il-provi juru li ghal dan jahti unikament l-attur. Illi, pero' la jirrizulta provat l-adulterju; u wisq anqas l-abbandun.

In fine, dwar l-allegat indhil minn naha tal-familjari tal-konvenuta, u li dina kienet soggetta ghal volonta' ta' missierha, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi sodisfacenti f' dan ir-rigward; izda, anke jekk dato non concesso kien hemm indhil minn naha ta' nies il-konvenuta, dan zgur ma kienx il-kawza, jew wahda mill-kawzi tat-tifrik taz-zwieg; ghax, kif fuq indikat, il-kawza vera kienet il-bruda li l-attur kellu, u li kien juri, fil-konfront ta' martu, liema fattur isib il-kawza tieghu fil-fatt - mistqarr minnu stess, u deskritt minnu stess bhala l-akbar problema – li hu ma kienx jhossu sodisfatt kif xtaq fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom.

**Manteniment**

Illi mill-provi jirrizulta li, hekk kif nbdew il-proceduri tas-separazzjoni, l-attur f' Awissu 2002, naqas milli jkompli jghati lil martu bhala manteniment ghaliha, is-somma mensili ta' LM200, bir-rizultat li din kellha titlob l-intervent tal-Qorti; u konsegwentement b' digriet tas-18 ta' Lulju 2003[8] gie konfermat l-obbligu ta' l-attur li jhallas lill-konvenuta martu l-isemmija somma mensili bhala manteniment ghaliha.

Illi, fil-mori tal-proceduri, l-attur ressaq rikorsi sabiex dan l-ammont jigi rivedut jew revokat, jizda dawn gew michuda; u ghalhekk il-pozizzjoni prezenti hi li dan ghadu in vigore. Illi noltre, nonostante li l-attur prezenta atti gudizzjarji b' tentattiv biex juri li hu ma kienx jaf bid-digriet odjern, peress li ma kienx gie notifikat formalment lilu, huwa xorta wahda baqa' inadempjenti totalment f' dan l-obbligu tieghu; u fl-udjenza tat-22 Jannar 2009[9] il-konvenuta xehdet li matul il-proceduri l-attur ma taha ebda manteniment.

---

[8] Vol1. fol.38
[9] Vol.2 fol.882

*Manteniment Arretrat*
Ghalhekk jirrizulta dovut mill-attur lill-konvenuta l-manteniment mensili ta' LM200 mit-18 Lulju 2003 sat-28 Jannar 2010 – b' kollox €36,348 [LM15,600][10]; u l-Qorti tordna li dan l-ammont ghandu, jekk ma jkunx thallas qabel, jigi dedott mis-sehem ta' l-attur mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

*Manteniment Futur*
Illi, il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li, ghalkemm l-attur jghid li f' Dicembru 2005 huwa ser jsir pensjonant bi dhul ta' LM350 fix-xahar, huwa ma gabx provi f' dan ir-rigward, u dan apparti mill-fatt li d-dikjarazjoni tieghu[11] mhijiex konfermata bil-gurament.

Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-konvenuta wirtet diversi proprjetajiet immobbli mal-mewt ta' missierha, li minnhom ddahhal renta globali ta' circa €3,728 [LM1,600] fis-sena;

Ghaldaqstant, fil-kaz in dizamina, tenut kont tal-fatt li l-konvenuta llum ghandha ntrojtu taghha, il-Qorti tordna li l-attur, bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni, jhallas lill-konvenuta martu bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €233 [LM100] fix-xahar pagabbli kull bidu tax-xahar bil-quddiem; izda mal-bejgh tad-dar konjugali, dan l-ammont jigi ridott ghas-somma ta' €187, tenut kont tal-fatt li mal-bejgh ta' din il-proprjeta' il-partijiet ser ikollhom ghad-dispozizzjoni taghhom kull wiehed somma sostanzjali ta' flus.

Tordna wkoll li din ir-retta alimentarja tigi awmentata kull sentejn skond l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja, u tigi depozitata f' kont bankarju li jigi ndikat mill-konvenuta permezz ta' nota f' dawn l-atti.

In fine, ghall-kompletezza qed jigi osservat li l-proprjeta' immobbli li l-attrici wirtet minghand ommha u missierha

---

[10] 78 xhur x LM200
[11] Vol.1 fol.459

tinsab deskritt fit-testment[12] taghhom, salv ghal proprjeta' fil-Gzira fi Triq Moroni li nghatat lit-tifla l-kbira tal-partijet meta missier-il konvenuta kien ghadu haj; u l-konvenuta tat spjegazzjoni taht liema cirkostanzi din il-proprjeta' nghatat lit-tifla taghhom.

Illi, rigward il-proprjeta' fil-Mosta, deskritta fl-applikazzjoni tal-MEPA ffirmata mill-konvenuta, u li l-attur ghalhekk isostni li din tappartjeni lill-konvenuta, il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuta hija proprjetarja ta' din il-proprjeta', izda hi, kif xehed il-Perit ACassar u certu Charles Camilleri, kienet iffirmat 'firma di favore' fuq l-applikazzjoni biex mal-MEPA ma jidhrix l-imsemmi Charles Cassar. Tenut kont ta' dawn il-provi, u in mankanza ta' prova dokumentali sodisfacenti, bhal kuntratt pubbliku, jew indikazzjoni fit-tesment fuq indikat, il-Qorti hi tal-fehema li l-attur ma rnexxielux jipprova li din l-art fil-fatt tappartjeni lill-konvenuta.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Din tikkonsisti fis-segwenti:

[1] Il-fond <indirizz>, li fil-prezent hija d-dar konjugali u li ghandha valur ta' circa €582,500 [LM250,000];

[2] Kamra, bla permess, fil-limiti ta' Kortin, fl-Armier;

[3] Diversi ishma mal-Malta Stock Exchange;

[4] Depoziti bankarji lokali u/jew esteri;

[5] L-inkwilinat[13] tal-fond fi Triq San Pawl, ir-Rabat;

[6] Oggetti mobbli, fosthom dawk ezistenti fid-dar matrimonjali, speed boat, mutur, Toyota Corolla, Martu Jeep u dghajsa bahri.

*Likwidazzjoni u Assenjazzjoni*

[1] Il-fond <indirizz> – Ma hemmx dubju li din hija l-ikbar proprjeta' ezistenti fil-komunjoni.

Il-Qorti tordna li dan il-fond ghandu jinbigh fuq is-suq hieles fi <u>zmien sena</u>, ghall-prezz ta' mhux anqas minn €582,500 [LM250,000]; u, fin-nuqqas, jinbigh bis-subbasta bl-istess kondizzjoni.

---

[12] Vol.1 fol. 413 *et seq.*

[13] Vol.1 fol.118

Illi r-rikavat ghandhu jinqasam f’ zewg porzjonijiet ugwali: A u B; u l-porzjoni A, wara li titnaqqas minnha s-somma ta’ €36,348 [LM15,600] dovuta lill-konvenuta u li ghandha tizdied mal-porzjon B, tinghata lill-attur; filwaqt li l-porzjon B, hekk awmentata, tinghata lill-konvenuta.

Illi permezz tal-gudizzju odjern l-attur qed jigi ordnat jzgombra mill-imsemmi fond fi zmien tlett xhur; filwaqt li l-konvenuta qeda tigi ordnata li tizgombra mill-istess fond fi zmien sena. Inoltre, matul it-tlett xhur li l-attur jbqa’ jghix fl-imsemmi fond, huwa ghandu jhallas tlett kwarti [3/4] mill-ispejjez tal-kontijiet tad-dawl u ilma, filwaqt li r-rimanenti kwart ghandhu jithallas mill-konvenuta. Wara li l-attur jallontana ruhu mill-fond, dawn l-ispejjez, minn dak iz-zmien ‘il quddiem, ikun a kariku tal-konvenuta.

[2] Il-kamra fl-Armier ghandha tigi assenjata lill-attur flimkien mal-mobbli li hemm fiha appartenenti lill-komunjoni, flimkien mal-inkwilinat tal-fond tar-Rabat, jekk ghadu jezisti. Minn naha tieghu, dan ghandu jaghti lill-konvenuta nofs il-valur tal-Kamra [ad eskluzjoni tal-mobbli li hemm fiha].

[3] Illi l-ishma fil-Malta Stock Exchange u d-depoziti bankarji, ezistenti fit-18 Lulju 2002[14] ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, wara li tigi prelevata s-somma ta’ €11,650 [LM5,000] u tinghata lill-konvenuta, stante li din hija parafernali taghha.

[4] Illi l-oggetti mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali, u l-oggetti l-ohra fuq indikati, salv ghal dak li ser jinghad fil-paragrafu sussegwenti, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; izda fin-nuqqas ta’ ftehim, il-Qorti tappunta espert stimatur, a spejjez ugwali bejn iz-zewg partijiet, biex jaghti l-valur taghhom, u sussegwentement, jinbieghu fi zmien sena, fuq is-suq hieles, u fin-nuqqas, bis-subbasta.

---

[14] Id-data tal-prezentata tar-rikors quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili – Vol.1 fol.20

Rigward il-vetturi, il-Qorti tassenja lill-attur s-sehem tal-konvenuta fil-vetturi Toyota Corolla FAS117 u l-Maruti Jeep, b' mod li dawn ikunu jappartjenu fl-intier taghhom lill-konvenut; filwaqt li, in kumpens, u skond kif talbet l-konvenuta fin-nota[15] taghha, qed tassenja lill-konvenuta l-erba' fanali tal-kurutur, iz-zewg fannijiet, iz-zewg televisions, l-ornamenti kollha, kif ukoll dawk l-oggetti mnizzlin fil-lista prezentata mill-attur that il-paragrafu [b] ntestat "Mobbli u Mobilja li jappartjenu lil konvenuta."[16] Il-konvenuta ghandha tiehu wkoll nofs il-valur tal-Audio System indikat fin-nota taghha.

Inoltre, il-Qorti tordna:
[1] li kull dejn li jista' jezisti, u li ma jirrizultax minn dawn l-atti, u li sar ad insaputa tal-parti l-ohra, ghandu jibqa' a kariku tal-parti li tkun ghamlitu;
[2] Wkoll, tordna li kull parti tkun unikament responsabbli ghall-hlas ta' taxxa jew arretrati ta' taxxa dovuti fuq id-dhul separat taghhom;
[3] L-ispejjez kollha li l-konvenuta tista' tinkorri minnhabba l-firma taghha fuq l-outline application ghal MEPA koncernanti proprjeta' fil-Mosta, dawn l-ispejjez ghandhom jibqghu responsabbilita' esklussiva ta' l-istess konvenuta;
[4] Fil-kaz li tezisti polza ta' l-assikurazzjoni, kif indikat mill-konvenuta fin-nota taghha, il-konvenuta ghandha dritt ghal nofs ir-rikavat minn din il-polza.

*Proprjeta' Parafernali*
F' dan ir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fil-pagna[17] 62 relazzjoni tieghu, u li qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern biex tifforma parti minnu [Appendici C u D].

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar <u>l-azzjoni</u> ta' l-attur billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan b' effett mit-18 ta' Lulju 2002;

[15] Vol.1 fol.35-36
[16] Vol.1 fols.123 u 124
[17] Vol.2 fol.837 – u Vol.1 fols.122 sa 124

[2] tichad it-tieni talba, stante li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq l-attur;
[3] tichad it-tielet talba, stante li l-konvenuta ma ghandha l-ebda htija ghas-separazzjoni;
[4] tichad ir-raba talba ghall-istess raguni fuq indikata;
[5] tilqa' il-hames u s-seba' talba, fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[6] tichad is-sitt talba, u permezz tal-gudizzju odjern tordna li l-attur jizgombra mill-fond numru <indirizz>, fi zmien tlett xhur, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestat 'Komunjoni ta' l-Akkwisti.';
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien u tad-disa' talba, stante dak li ser jigi deciz fil-kontro talba;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba tal-konvenuta billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens gja' deciz, u li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq l-attur;
[2] tilqa' t-tieni talba, fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' u l-hames talbiet, fis-sens gja fuq deciz;
[5] tilqa' is-sitt talba limitatament ghall-perijodu ta' disa' xhur li jibda jiddekorri wara l-gheluq ta' tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza; izda wara l-perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza l-konvenuta qeda tigi ordnata permezz ta' din is-sentenza li tizgombra mill-fond numru <indirizz>;
[6] tilqa' s-seba' talba tal-konvenuta, fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti.';
[7] tilqa' it-tmien talba u tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha 'D'.

L-ispejjez kollha, kemm ta' l-azzjoni, kif ukoll tal-kontro talba, ikunu a kariku tal-konvenut;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------